MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru. 539/2013

**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**VS**
**CHARLES GOUDER**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charles Gouder ta’ 41 sena, bin Carmelo u Doris nee’ Mallia, mwieled Pieta’ nhar il- 5 ta’ Lulju 1971, residenti Flat 15, Block A, Triq ic- Cikaz, Zabbar u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 413372;

Talli nhar it- 3 ta’ Gunju 2013, ghall- habta tas- 2.00pm gewwa l- Gudja u fil- madwar;

1) Bil- hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ bil- hsieb li jikkaguna griehi ta’ natura gravi ai termini tal- Artikolu 218 fuq il- persuna ta’ PC 957 Colin Spiteri, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta' tieghu;

2) Ikkaguna griehi ta' natura hafifa, salv kumplikazzjonijiet ai termini tal- Artikolu 221(1) fuq il-persuna ta' PC 957 Colin Spiteri u PC 1196 Matthew Cachia;

3) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 957 Colin Spiteri, PC 1196 Matthew Cachia u/jew xi ufficjali ohra tal- Pulizija, persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghti skont il- ligi mill-Awtorita' kompetenti;

4) Talli saq vettura bil- mutur jew vettura ohra, cioe' 'quadbike' numru tar- registrazzjoni XXX 231 minghajr licenzja tas- sewqan jew xort' ohra meta kellu licenzja tas-sewqan sospiza b' sentenza moghtija fil- konfront tieghu mill- Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D, nhar id-19 ta' Frar 2013 jew xort' ohra, ghamel uzu minn vettura bil- mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja, jew saq l- istess vettura b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni kbira, jew b' mod perikoluz;

5) Talli saq l- istess 'quadbike' numru tar-registrazzjoni XXX 231 minghajr ma kien kopert b' polza t' assigurazzjoni kontra r- riskji ta' terzi persuni;

6) Talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe' mutur tal- marka Yamaha numru tar- registrazzjoni GVP 558, liema hsara ma tiskorrix l- €1,164.69 izda izjed minn €116.47 liema hsara saret ghad- dannu tal- Korp tal-Pulizija ta' Malta;

7) Talli ghamel uzu minn numri ta' identifikazzjoni ta' vettura, cioe' HBC 624, fuq vettura numru tar-registrazzjoni XXX 231, xort' ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill- Awtorita' dwar xi vettura bil- mutur partikolari;

8) Talli sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi bidel it- tarek tar- registrazzjoni ta' vettura numru XXX 231 ma' dawk ta' vettura numri HBC 624, kif ukoll hassar kemm in- numru tac- chassis kif ukoll dak tal- magna ta' vettura numru XXX 231;

9) Talli ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza tarka tar- registrazzjoni ta' vettura, cioe' numru HBC 624, oltre minn dik assenjata lill- istess vettura, u kif ukoll hassar kemm in- numru tac- chassis kif ukoll dak tal- magna ta' vettura numru XXX 231;

10) Minghajr l- approvazzjoni bil- miktub tal- Kummissarju tal- Pulizija b' xi mod li jkun, bghabas, nehha, biddel jew ghamel numru t' identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq, vettura bil- mutur, cioe' 'quadbike', tal- marka Polaris numru tar- registrazzjoni XXX 231;

11) Talli garr 'il barra minn xi fond jew id- dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil- ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il- Kummissarju tal- Pulizija;

Iktar talli fil- lejl bejn il- 31 ta' Mejju 2013 u l- 1 ta' Gunju 2013 mit- telgha tac- Cimiterju tal- Addolorata fil- limiti ta' Rahal Gdid;

12) ikkommetta serq ta' vettura bil- mutur, cioe' 'quadbike' tal- marka Polaris numru tar- registrazzjoni XXX 231, liema serq hu kkwalifikat bil- mezz, valur, li ma jeccedix €2,329.37 bil- lok, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa u li sar ghad- dannu ta' Tonio Bartolo u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Talli nhar l- 1 ta' Gunju 2013 u/jew fil- jiem ta' qabel, minn dawn il- Gzejjer;

13) ikkommetta serq ta' pjanca tar- registrazzjoni HBC 624 minn fuq vettura bil- mutur u cioe' minn fuq mutur tal- marka Peugeot Fighter, liema serq hu kkwalifikat bix- xorta tal- haga misruqa ghad- dannu ta' Mark Manicolo u/jew ta' xi persuna u/jew ta' xi entita' u/ jew entitajiet ohra;

Talli fil- lejl bejn it- 2 u t- 3 ta' Gunju 2013 minn Triq Hal-Resqun, Gudja;

14) ikkommetta serq ta' stereo tal- marka Alpine, minn vettura tal- marka Suzuki, numru tar- registrazzjoni ZEN 147, liema serq hu kkwalifikat bil- mezz, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa u li sar ghad- dannu ta' Justin Paul Camilleri u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

15) talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' karozza tal- marka Suzuki, numru tar- registrazzjoni ZEN 147 liema hsara ma tiskorriz €1,164.69 izda izjed minn €116.47 liema hsara saret ghad- dannu ta' Justin Paul Camilleri u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Talli fil- lejl bejn l- 1 u t- 2 ta' Gunju 2013 minn Triq Hal-Tarxien, Gudja;

16) ikkommetta serq ta' stereo, tal- marka Scott, u xi flus kontanti minn vettura tal- marka Toyota Vitz, numru tar- registrazzjoni XRL 132 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil- valur, li ma jeccedix €2,329.37 bil- mezz, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa u li sar ghad- dannu ta' Charlene Buhagiar u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitatjiet ohra;

17) talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe' karozza tal- marka Toyota Vitz numru tar- registrazzjoni XRL 132, liema hsara ma tiskorrix €1,164.69 izda izjed minn €116.47 liema hsara saret ghad- dannu ta' Charlene

Buhagiar u/jew ta’ xi persuna/i u/ jew entita’ u/ jew entitajiet ohra;

Iktar talli fit- 3 ta’ Gunju 2013 u/jew fil- jiem ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer;

18) xjentement laqa’ ghandu jew xtara diversi hwejjeg, cioe’ apparat ta’ ‘hi-fi’ u oggetti ohra, li kienu misrqua, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

19) meta l- indirizz fuq il- karta tal- Identita’ tal-imputat ma baqax iktar validu jew xort’ ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien huwa naqas milli jirraporta l- fatt lill- ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess Karta tal- Identita’ mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn dak l- ufficjal;

20) naqas milli jhares xi wahda, jew iktar minn wahda mill- kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ digriet tal-Qorti Magistrat Dr Marse- Ann Farrugia LL.D datat 1 ta’ Gunju 2013 li permezz tieghu huwa inghata l- helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja;

21) finalment akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reat li fil- maggor parti hemm kontemplat ghalihom piena ta’ prigunerija, fil- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza li kienet giet impostas fuqu permezz ta’ sentenza datata 19 ta’ Frar 2013 mill- Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D liema sentenza hija definittiva;

22) fl- ahharnett akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga nstab hati b’ diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 96(a), 214, 215, 218, 219, 221(1), 187, 188, 261, 263(a), 265, 267, 269(c), 270, 271(g), 279(a), 280(1), 298D, 325(1)(b), 334, 289, 578, 579(1)(2)(3) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 6, 51(7) tal- Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 3(1) (1A)(2)(2A)(3) tal- Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 15(1)(a)(2), 15(1A) tal- Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 9 u 14 (10) tal- Kap 258 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Kap 9, tikkundannah piena ta' sentejn u disa' xhur prigunerija.
Tordna d-dhul fis- sehh ta' sentenza datata 19 ta' Frar 2013, fejn l-imputat kien ikkundannat ghal piena ta' tlitt xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin.
Tirrevoka d- digriet tal- helsien mill- arrest preventiv datat 1 ta' Gunju 2013.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------